# KLIEM TA’GĦERF



# Kliem ta' Għerf

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Words of Wisdom
In Maltese Language

© Islam International Publication Ltd

Ippubblikat bil-Malti f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Mob: 00356 7932 0139 | Tele: 00356 2734 2401
Tele: 00356 2132 2105 | Fax: 00356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

Stampa: © shutterstock.com

ISBN: 978-99957-59-18-6

# Daħla

'Kliem ta' Għerf' huwa ġabra ta' diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu), il-Fundatur tal-Iżlam.

Huwa twieled f'familja nobbli fis-sena 570wK f'Mekka l-Għarabja u kien dixxendent tal-Profeta Abram[as]. Il-kelma 'Muħammad' litteralment tfissir 'ta' min ifaħħru'.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien persuna onesta, dinjituża, sinċiera u intelliġenti. Huwa għex ħajja devota u sempliċi. Il-kliem u d-diskorsi tiegħu huma mimlija għarfien, direzzjoni u għerf u għonja fit-tifsira.

Nittamaw li t-tfal, il-ġenituri u l-għalliema japprezzaw u jibbenefikaw minn dan ix-xogħol.

Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2016, minn Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat
Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

# Kliem ta' Għerf

## 1. Il-Maestà ta' Alla

Hemm żewġ espressjonijiet li Alla l-Ħanin jgħożż immens. Huma ħfief għall-ilsien (ħfief biex jingħadu), iżda ħafna itqal fil-miżien (ta' Alla): "Huwa mfaħħar Alla fil-Glorja Tiegħu kollha; Huwa mfaħħar Alla fil-Maestà Tiegħu kollha."

## 2. Intenzjonijiet u għanijiet

L-għemejjel huma ġġudikati skont l-għanijiet u l-intenzjonijiet li jkun hemm warajhom.

## 3. Kun tal-Ewwel li Ssellem

Alla jippreferi lil dawk li jkunu minn tal-ewwel li jsellmu lil ħaddieħor, billi jlissnu: "Asslamo-alajkum."

## 4. Ir-Rispett lejn l-Omm

Il-ġenna tinsab taħt is-saqajn tal-ommijiet.

## 5. Ir-Rispett lejn it-Tfal

Irrispetta lil uliedek u rawwem fihom l-aqwa manjieri.

## 6. L-Imħabba lejn il-Pajjiż

L-imħabba lejn pajjiżek hija parti mill-fidi.

## 7. L-Importanza tal-Verità

Il-verità ssalva, il-falzità teqred.

## 8. L-Indafa

L-indafa hija kundizzjoni mitluba mill-fidi.

## 9. Il-Modestja

Il-modestja hija l-aqwa virtù.

## 10. Aħseb qabel Titkellem

Meta titkellem mingħajr ma taħseb jista' jġibek fl-inkwiet.

## 11. It-Tħeġġiġ biex isir il-Ġid

Meta wieħed iħeġġeġ lill-oħrajn biex iwettqu l-ġid wieħed jakkwista l-premju daqs dak li jkun għamel il-ġid.

## 12. Żomm lura mis-Serq

Dak li jisraq fin-negozju u fit-tranżizzjonijiet u mhux ġenwin daqskemm jidher, mhuwiex wieħed minna.

## 13. Kun Moderat

F'kull ħaġa l-moderazzjoni hija l-ideali.

## 14. Etiketti tal-Ikel

Lissen l-isem ta' Alla, kul b'idek il-leminija u kul minn dak li għandek quddiemek.

## 15. Il-Kuntentizza

Il-kuntentizza hija teżor li qatt ma jintemm.

## 16. L-Għana

Il-veru għani huwa dak li hu għani f'qalbu.

## 17. Id-Diżonestà

Wieħed li jidħak bina mhuwiex wieħed minna.

## 18. It-Tislim

Ħabirku biex twasslu tislimiet ta' paċi lil xulxin.

## 19. Imġiba tajba

Xejn ma jiżen aktar fil-miżien ta' Alla daqs l-imġiba eċċellenti.

## 20. Il-Falzità

Il-ħalf falz jista' jeqred (ir-risq tad-) djar.

## 21. Il-Ħajja

Fil-ħajja ta' din id-dinja niżirgħu u fil-ħajja ta' wara naħsdu.

## 22. Uri l-Mogħdrija

Dak li ma wera l-ebda ħniena maż-żgħar tagħna u ma rrikonoxxiex il-jeddijiet tax-xjuħ tagħna mhuwiex wieħed minna.

## 23. Il-Gratitudni

Wieħed li mhuwiex grat lejn in-nies ma jkunx grat lejn Alla.

## 24. L-Aqwa Mexxej

L-aqwa mexxej huwa dak li jservi lill-poplu.

## 25. L-Aqwa Provvista

L-aqwa provvista hija t-Taqwa (il-biża' ta' Alla).

## 26. L-Għajdut

L-għajdut mhux l-istess bħall-ħars.

## 27. Alla jara l-Qlub

Alla ma jħarisx lejn il-forom jew ir-rikkezzi tagħkom iżda Huwa jħares fil-qlub u fl-għemejjel tagħkom.

## 28. L-Għerf

Persuna devota titgħallem minn ħaddieħor (mill-iżbalji ta' ħaddieħor).

## 29. L-Imħabba lejn l-Oġġetti

L-imħabba lejn l-oġġetti tista' tagħmel persuna għamja u truxa.

## 30. Rispett Lejk Innifsek

Wieħed li jagħraf kemm verament jiswa ma jinqered qatt.

## 31. L-Indiema

Persuna li verament tindem minn dnubietha ssir bħal wieħed li qatt ma dineb.

## 32. Il-Ġenerożità

L-id ta' fuq hi aħjar mill-id ta' isfel (l-id li tagħti hi aħjar mill-id li tirċievi).

## 33. Li tieħu Rigal lura

Dak li jieħu lura r-rigal tiegħu stess hu bħal dak li jilgħaq il-vomtu tiegħu stess.

## 34. Ftit imma Biżżejjed

Ftit li serva għall-bżonn ta' xi ħadd huwa aħjar mill-ħafna li jġagħlu jinsa ('l Alla).

## 35. Uri Ħniena

Wieħed li ma jurix ħniena ma jsibx lil min iħenn għalih.

## 36. Il-Kliem Malizzjuż

Il-kliem malizzjuż hu agħar mill-qtil.

## 37. L-Abbuż

L-abbuż minn (jew ta') Musulman huwa ħażen.

## 38. Il-Persistenza fit-Talb

Huwa dnub li tabbanduna t-talb.

## 39. It-Tfittxija għall-Għarfien

Huwa d-dmir ta' kull raġel Musulman u mara Musulmana li jfittxu l-għarfien.

## 40. Il-Fiduċja

Persuna li tiġi kkonsultata ssir persuna ta' fiduċja.

## 41. Is-Suspett

Evitaw is-suspett għaliex dak huwa l-agħar forma ta' falzità.

## 42. L-Għira

Salvaw lilkom infuskom mill-għira, għaliex l-għira teqred il-virtù daqskemm in-nar jeqred il-fjuwil tiegħu.

## 43. Il-Gwadann

Li taqla' l-għajxien b'mod ġust ukoll huwa Ġiħad.

## 44. Il-Ħlas tal-Ħaddiem

Ħallsu l-pagi tal-ħaddiem qabel ma jinxef l-għaraq tiegħu.

## 45. Żomm Kumpanija Xierqa

Persuna tista' tadotta l-fidi jew l-istil ta' ħajja ta' ħabib, għaldaqstant oqogħdu attenti ma' min tagħmlu ħbieb.

## 46. Ir-Responsabbiltà

Kull wieħed minnkom huwa mexxej u jkollu jwieġeb f'isem is-sudditi tiegħu.

## 47. Rispett lejn il-Mexxej

Meta l-mexxejja ta' xi poplu jżurukom, uruhom ir-rispett xieraq.

## 48. Wegħda

Il-wegħda ta' kredent hija ċerta daqs oġġett fl-idejn.

## 49. L-Imħabba tal-Aħwa

Ħadd minnkom ma jista' jkun kredent ta' veru jekk ma jixtieqx għal ħuh dak li jixtieq għalih innifsu.

## 50. L-Għaqda

Il-kredenti huma (magħquda) bħal bini, kull parti ssaħħaħ lill-parti l-oħra.

## 51. Paċi Reċiproka

Mhuwiex permissibbli li Musulman jaqta' r-relazzjonijiet tiegħu ma' Musulman ieħor għal aktar minn tlett ijiem.

## 52. Musulman Veru

Il-Musulman veru huwa persuna li minn ilsienu u idu, kull persuna li tħobb il-paċi għandha tħossha sigura.

## 53. Il-Karità

Salva lilek innifsek mill-infern, anki billi toffri farka minn tamla bħala karità.

## 54. It-Telfien tas-Sensi

Jekk doża qawwija ta' xi ħaġa twassal għat-telfien tas-sensi mela lanqas kwantità ċkejkna mhi leġittima.

## 55. It-Tifkira ta' Alla

L-aqwa tifkira (ta' Alla) hija (il-Kalimah) "m'hemm l-ebda alla ħlief Alla" u l-aqwa talba hija "kull tifħir imur għal Alla."

Referenzi:

1. Forty Gems of Beauty
2. Syllabus, Waqf-e-Nau
3. Syllabus, Nasirat-ul-Ahmadiyya UK

‘Kliem ta’ Għerf’ huwa ġabra ta’ diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta’ Alla jkunu fuqu), il-Fundatur tal-Iżlam.

Il-kliem u d-diskorsi tiegħu huma mimlija għarfien, direzzjoni u għerf u għonja fit-tifsira.

“Words of Wisdom”
in Maltese Language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759186